**17 ta' Frar, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Luigi Agius**

***versus***

**Maria Agius et.**

**Azjenda Kummerċjali — Liċenza — Ċessjoni.**

*L-intestatura ta' liċenza ta' negozju ma timportax neċessarjament li n-negozju jappartjeni lit-titolar tal-liċenza. u ma tistgħax tinnewtralizza l-provi li jkun hemm li juru li n-negozju jappartjeni lil persuna diversa minn dik li f'isimha tinsab intestata l-liċenza. L-intestatura tal-liċenza għandha t'ġi meqjusa biss mill-aspett tal-individwalizzazzjoni tal-persuna responsabbli għall-ħlas tagħha u għall-adempiment tal-liġijiet u tar-regolamenti tal-Pulizija.*

*Ma jistgħax jingħad li t-tidwir ta' liċenza minn isem ta' persuna għall-isem ta' persuna oħra jammonta għal ċessjoni. u li dan it-tidwir huwa invalidu jekk sar bla skrittura; għax proprjament, f'każi simili. ma hemmx, u ma jistgħax ikun hemm ċessjoni, peress li l-liċenza hi konnessa mal-'nteress publiku u hija inerenti għall-persuna tat-titolar, u ma tistgħax tiġi trasmessa; imma hu leċitu li t-titolar tagħha jirrinunzja għall-użu tal-l'ċenza favur persuna oħra, meta din il-persuna tkun fil-fatt il-padruna tan-negozju; u din*

*ir-rinunzja tikkonkreta ruħha filli t-titolar ma jopponix ruħu li l-liċenza tiġi mogħtija lil dik il-persuna l-oħra.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi fl-10 ta' Diċembru 1925 miet Luigi Agius, mingħajr testment, u fid-9 ta' Lulju 1950 mietet Giuseppa armla minn l-istess Luigi Agius, anki hija mingħajr testment; u ħallew erbgħat itfal, ċjoè l-attur Luigi u l-konvenuti Maria, Maddalena u Giovanni Agius; u li l-imsemmi Luigi Agius kien jippossjedi l-liċenza tal-ħanut li qiegħed ir-Rabat ta' Malta, Trieq San Katald, nru. 29, liema liċenza kienet f'isem il-konvenut Giovanni Agius fis-sena 1935, u fiż-27 ta' Ottubru 1938 ġiet trasferita lill-omm komuni Giuseppa Agius, u fit-23 ta' Settembru 1947, stante l-età u l-marda tal-omm, lil Maria Agius; talab li jiġi dikjarat u deċiż illi, inattesi t-trasferimenti msemmija, l-imsemmi ħanut, jiġifieri l-liċenza, l-avvjament u l-oġġetti l-oħra li jappartjenu lill-istess ħanut, huma proprjetà tal-kontendenti kwart indiviż kull wieħed, bħala werrieta intestati tal-imsemmijin ġenituri tagħhom Luigi u Giuseppa ġà miżżewġin Agius. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Mejju 1953;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Mejju 1955, li biha rrespinġiet it-talba tal-attur bħala infondata, bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li kkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta li missier il-kontendenti għamel żmien ibiegħ minn fuq il-karrettun fil-kampanja; iżda kien ilu li qata' ċirka tmien snin meta miet, fl-10 ta' Diċembru 1925. F'dan l-aħħar żmien kien jaħdem fil-ġebel. Wara l-mewt ta' missieru, il-konvenut Giovanni Agius ottjena permess biex idur il-kampanja bil-karrettun għan-negozju, iżda ma damx; u allura dak ix-xogħol bdiet tagħmlu oħtu Maria. In segwitu ġie mikri l-ħanut in kwistjoni, u l-imsemmija Maria Agius armatu u bdiet tmexxieh...... Il-liċenza baqgħet f'isem Giovanni sas-27 ta' Ottubru 1928, meta daret f'isem l-omm,...... In segwitu, fl-1947, peress li l-Pulizija riedet li l-liċenza tkun f'isem Maria biex din

tkun tista' tmexxi hija l-ħanut u toqgħod fih, il-liċenza ġiet trasferita lil Maria, li kienet, u baqgħet fil-fatt, l-unika proprjetarja tal-istess ħanut, tal-avvjament tiegħu, u tal-oġġetti kollha ta' ġo fih;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-appell tal-attur fol. 64, u fol. 65 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li jiġi deċiż skond id-domandi attriċi; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-attur qiegħed jippretendi li l-azjenda, ċjoè l-ħanut "de quo" flimkien mal-liċenza, l-avvjament u li stock tiegħu, kienet tifforma parti mill-assi ta' missieru u ommu, u li għalhekk hemm lok għad-deklaratorja li dik l-azjenda ddevolviet favur il-werrieta tagħhom, fosthom l-attur għall-kwart tiegħu "jure haereditatis";

Irriżulta mill-provi li missier il-kontendenti qatt ma kellu, la dan u lanqas ħanut ieħor ...... Ma jidherx, għal-hekk, li jista' b'xi mod jingħad li l-azjenda fuq imsemmija kienet xi darba tal-missier u li hekk għaddiet fl-assi tiegħu......;

Lanqas tista' dik l-azjenda tiġi rikondotta b'xi mod fl-assi ta' omm il-kontendenti. Irriżulta li, wara xi żmien mill-mewt tal-missier, kif ingħad, għall-ewwel il-konvenut Giovanni, u mbgħad il-konvenuta Maria assistita mill-attur, bdew iduru jbiegħu bil-karrettun merċa u talvolta anki xi drappijiet. Mbgħad l-attur xaba'......;

Iż-żewġ ċirkustanzi, li għal xi żmien il-liċenza ta' dan il-ħanut kienet l-ewwel għan-nom tal-konvenut Giovanni u mbgħad għan-nom ta' omm il-kontendenti, qabel ma ġiet intestata għan-nom tal-konvenuta Maria, ma jistgħux jaġutaw lill-attur. Infatti, kwantu għall-konvenut Giovanni, il-liċenza saret għall-ewwel f'ismu probabbilment għax kien

hu li materjalment ħa b'kiri l-post, u forsi anki għax kien hu l-aħħar li kellu l-liċenza għall-bejgħ ambulanti. Iżda kien dan l-istess konvenut li, bla kwistjoni u riżervi ta' xejn, aċċetta li ddur il-liċenza fuq il-konvenuta Maria, u "ex-admissis" ebda parti ma ħa fit-twaqqif jew ġestjoni tan-negozju. Kwantu għall-omm, irriżulta li, meta l-konvenut Giovanni ġie biex idawwar il-liċenza f'isem il-konvenuta Maria, l-attur sab oġġezzjoni, u allura, għal xi ftit żmien, ġiet imdawra f'isem l-omm. Din però, kif juru l-provi, xejn ma kellha x'taqsam mal-ħanut, la biex intrama u lanqas biex tmexxa. Mbgħad, fis-sena 1947, meta kienet għadha ħajja l-omm, li mietet fl-1950, il-liċenza daret f'isem il-konvenuta Maria. Din is-sempliċi ċirkustanza tal-intestazzjoni aċċidentali għal xi ftit żmien tal-liċenza f'isem l-omm, valjata fuq l-isfond taċ-ċirkustanzi riżultati, ma tistgħax tiswa biex tqiegħed l-azjenda ta' dan il-ħanut fil-wirt tal-omm. Del resto, meta jkun hemm il-prova tal-ispettanza esklużiva ta' negozju lil persuna partikulari, kif hemm f'dan il-każ għar-rigward tal-konvenuta Maria, l-intestatura tal-liċenza ma tistax tinnewtralizza dawk il-provi, u għandha tiġi meqjusa biss, kif ġie kemm il-darba deċiż, mill-aspett tal-individwalizzazzjoni tal-persuna responsabbli għall-ħlas tagħha u għall-adempiment tal-liġijiet u tar-regolamenti tal-Pulizija;

Lanqas jista' jingħad, kif intqal fl-argumenti quddiem din il-Qorti, li t-tidwir tal-liċenza favur il-konvenuta Maria jammonta għal ċessjoni, u li hu kwindi invalidu bla skrittura; għaliex proprjament, f'każi simili, ma hemmx u ma jistax ikun hemm ċessjoni, peress li l-liċenza hi konnessa mal-interess publiku u hi inerenti għall-persuna tat-titolar, u ma tistax tiġi trasmessa. Imma hu leċitu li t-titolar jirrinunzja għall-użu tal-liċenza di fronti għal persuna oħra, partikolarment meta din il-persuna tkun fil-fatt il-padruna tan-negozju; u din ir-rinunzja tikkonkreta ruħha filli t-titolari ma jopponix ruħu li l-liċenza tiġi mogħtija lil dik il-persuna l-oħra (XVII-III-103; u XXXII-I-597);

Għal dawn ir-raġunijiet u dawk tal-Ewwel Qorti;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-attur.